MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 267/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-2 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici nomine ippremettiet:

Illi fil-15 ta’ Settembru, 2003 fl-Isptar San Luqa, Pieta’ twieled il-minuri Z, bin l-attrici nomine;

Li l-attrici nomine hija mizzewga lill-konvenut B li pero mhux il-missier naturali tal-imsemmi minuri Z;

Illi l-attrici nomine u l-konvenut B ilhom zmien twil separati '*de facto*' pero ghadha ma gietx konkluza separazzjoni legali bejniethom u ghalhekk mandatorjament fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z (Att Numru 3393/2003) il-konvenut B gie mnizzel bhala missier l-imsemmi minuri minkejja illi huwa mhuwiex il-missier naturali tieghu;

Illi fir-realta' l-missier naturali tal-imsemmi minuri huwa l-konvenut l-iehor C, u dawn huma fatti risaput u rikonoxxuti minn kulhadd, inkluz l-istess zewg konvenuti B u C;

Illi ghalhekk jehtieg illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jsiru dawk il-korrezzjonijiet necessarji sabiex tali certifikat tat-twelid ikun jirrifletti r-realta';

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri Z (Att Numru 3393/2003) ma jirriflettix ir-realta' stante illi l-missier naturali tal-imsemmi minuri mhuwiex il-konvenut B izda l-konvenut l-iehor C;

2. tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-imsemmi certifikat tat-twelid (Att Numru 3393/2003) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier tikkancella l-isem 'B' u tissostitwih bl-isem 'C' u fil-kolonni l-ohrajn li jindikaw il-konnotazzjonijiet tal-

missier, u cioe' n-Numru tal-Karta tal-Identita', l-eta', il-post tat-twelid u tar-residenza u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj o meno, tikkancella l-konnotati tal-konvenut B u tissostitwihom fil-konnotati tal-konvenut l-iehor C; u

3. tordna illi dawn il-korrezzjonijiet jigu annotati fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z u fl-atti l-ohra kollha rigwardanti l-istess minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-konvenut C biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "*the said*" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwisjtoni.

4. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

5. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attrici u tal-konvenuti C u B.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha u registrata bhala iben ir-ragel taghha u minnu separata bhala tal-konvenut C; dan hu ammess kemm minn C u anke mill-istess B.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut, fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998. Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili), mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'din il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba ta' l-attur u anke f'dan il-kaz hemm ammissjoni. Anke mill-provi jirrizulta li t-tarbija twieldet meta l-attrici u zewgha kienu gia' jghixu separati.

Rigward l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-Artikolu 254 japplika ghall-korrezjonijiet li jsiru skond il-procedura ndikata fl-artikolu precedenti u mhux f'kawzi simili. Ikun tajjeb pero' li tigi segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 256 li ser tigi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obbligat li jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi zmien ghaxart ijiem li jigi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Ghaladqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuti (*eccetto* d-Direttur tar-Registur Pubbliku), tilqa' t-talbiet attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jirregistra l-korrezzjonijiet necessarju fl-att tat-twelid numru 3393 tal-2003 billi jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Cminflok tal-konvenut B fl-istess att u dan fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jigi notifikat mill-attur bil-konnotati tieghu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjes jithallsu mill-attrici u l-konvenut Csolidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------